



Brussell, 19 ta' Lulju 2023
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0145(NLE)**

8280/3/23
REV 3

LIMITE

ACP 25
COAFR 133
COLAC 36
COASI 76
WTO 49
RELEX 452

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9752/21 + ADD 1-2
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), min-naħa l-oħra - Adozzjoni

1. Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jiftħu negozjati dwar, u biex jinnegozjaw, f'isem l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, ta' Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-pajjiżi tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku¹.

¹ ST 8094/18

Fl-istess jum, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri adottaw id-Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tinnegozja, f'isem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri, ta' Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-pajjiżi tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra².

2. It-test tal-Ftehim ġie inizjalat fil-15 ta' April 2021.
3. Fil-11 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), min-naħa l-oħra³.
4. Fit-23 ta' Ġunju 2021, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP laħaq qbil fil-livell tiegħu dwar il-modifiki tat-test tal-ftehim bil-ħsieb li jinbidel fi ftehim imħallat, u talab lill-Kummissjoni tibgħat dawk il-bidliet lill-OSAKP. Il-Kummissjoni baġtet it-test modifikat lill-OSAKP fis-16 ta' Lulju 2021, iżda żammet il-pożizzjoni tagħha li l-Ftehim għandu jkun għall-UE biss.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP introduċa diversi bidliet fit-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill sabiex jirrifletti n-natura legali mħallta tal-ftehim, u fid-19 ta' Ottubru 2021 laħaq qbil fil-livell tiegħu dwar lista ta' dispożizzjonijiet u suġġetti li għandhom jiġu esklużi mill-applikazzjoni proviżorja.
6. Fit-3 ta' Diċembru 2021, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP ġie infurmat li l-OSAKP approvat il-bidliet proposti relatati man-natura tal-Ftehim. Sal-21 ta' Diċembru 2021, il-ħidma teknika dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u t-test tal-Ftehim twettqet b'suċċess taħt il-Presidenza, iżda minħabba r-riżerva espressa minn Stat Membru wieħed il-fajl ma setax jiġi pproċessat aktar f'dak l-istadju.

² ST 8095/18

³ ST 9752/21 + ADD 1 u 2

7. Fit-18 ta' April 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP iddiskuta jekk u kif għandha tiġi riflessa l-bidla fis-sħubija tal-OSAKP fit-test tal-Ftehim, jiġifieri li fl-2022 l-Afrika t'Isfel irtirat mill-OSAKP u l-Maldivi ssieħbu fiha. Abbażi tal-valutazzjoni u s-suġġerimenti testwali mressqa mill-Kummissjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP laħaq qbil fil-livell tiegħu biex jaġġusta t-test tal-Ftehim billi jħassar ir-referenza għall-Afrika t'Isfel u jżid ir-referenza għall-Maldivi.
8. Fid-19 ta' April 2023, il-Coreper iddiskuta l-aħħar kwistjonijiet pendenti.
9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), min-naħa l-oħra, kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti, fid-dokument 8371/23 DCL 1, kif ukoll dwar it-test tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, kif jinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti, fid-dokument 8372/1/23 REV 1;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument 8371/23 DCL 1 sabiex jippermetti l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija kif jinsab fid-dokument 8372/1/23 REV 1;
 - jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-addendum għal din in-nota.
10. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-PE.
11. F'dan il-kuntest, huwa nnotat li l-iffirmar tal-abbozz ta' Ftehim u l-applikazzjoni proviżorja tiegħu huma appoġġati wkoll mill-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom bħala Partijiet għal dak il-Ftehim flimkien mal-Unjoni.